Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,635, 24 ta' Awwissu, 2010

Taqsima B

A.L. 396 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti tal-2010 li jemendaw id-Drittijiet għal Korsijiet ta' Tagħlim ta' Filgħaxija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 135 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru għall-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 li jemendaw id-Drittijiet għal Korsijiet ta' Tagħlim ta' Filgħaxija u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1993 dwar id-Drittijiet għal Korsijiet ta' Tagħlim ta' Filgħaxija, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 116 tal-1993.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fit-tieni kolonna tal-imsemmija Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "fit-tielet kolonna tal-istess Skeda".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fit-tielet kolonna tal-imsemmija Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "fir-raba' kolonna tal-istess Skeda".

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"SKEDA

Korsijiet ta' Tagħlim ta' Filgħaxija

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna	It-Tielet Kolonna	Ir-Raba' Kolonna
		Ħlasijiet mitluba minn ċittadini Maltin u persuni li huma ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea	Ħlasijiet mitluba minn persuni li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea
Kors	Tul	€	€
Korsijiet ta' Tagħlim Bażiku fil-Malti, Ingliż, Matematika u Xjenza.	32 ġimgħa	Eżenti	Eżenti
Lingwa tas-Sinjali	14-il ġimgħa	Eżenti	Eżenti
Qari tax-Xofftejn	14-il ġimgħa	Eżenti	Eżenti
Korsijiet qosra (Minbarra suġġetti relatati mal-IT)	14-il ġimgħa jew inqas	18.63	37.26
Korsijiet Ġenerali – li jinkludu suġġetti akkademiċi li jwasslu għal-livell SEC, *crafts* u mogħdija taż-żmien.	32 ġimgħa	34.94	69.88
Korsijiet Speċjalizzati – li jinkludu suġġetti akkademiċi li jwasslu għal livelli Intermedji u MATSEC,u suġġetti relatati mal-IT.	32 ġimgħa	46.59	93.18
	10 ġimgħat		
ECDL Avvanzat		46.59	93.18
AutoCAD	32 ġimgħa	58.23	116.46
Korsijiet ta' filgħodu li jsiru fiċ-Ċentru għat-Tagħlim tul il-Ħajja, Msida.	-	11.65	23.30

".